MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (SEDE CIVILI) MALTA

**MAGISTRAT DR.
MELI SILVIO LL.D., DIP. STUD. REL., DIP. CAN. MATR. JUR. & PROC., CERT. JUR. & H.R. (STRASBOURG), P.G. DIP. EUROPEAN COMPETITION LAW (KING'S COLLEGE, LONDON), P.G. DIP. EUROPEAN LAW (KING'S COLLEGE, LONDON)**

Seduta tat-12 ta' Novembru, 2002

Avviz Numru. 474/1999/1

**Anthony u Rose Micallef**

**vs**

**Oliver Cachia**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat il-5 t'April ta' l-1999 li permezz tieghu l-atturi sejhu lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:**

**1. Ihallas lill-atturi s-somma li ma teccedix l-LM500, danni kagjonati lilhom fil-bini taghhom meta hu ghamel xoghol vicin id-dar taghhom "Paradise"**

**Triq Nicola Baldacchino, Siggiewi, liema danni hu accetta li jirripara;**

**2. Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tieghu ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata l-5 ta' Mejju ta' l-1999 li permezz taghha eccepixxa s-segwenti:**

**1. Illi l-ammont reklamat jew mhux dovut jew mhux dovut kollu. L-atturi ghandhom jipprovaw il-pretensjoni taghhom, l-atturi qatt ma ndikaw x'inhuma d-danni li jippretendu li garbu u ghalhekk l-eccepjent ma jistax jaqbel apprioristikament mad-danni reklamati;**

**2. Illi f'kull kaz l-eccepjent m'ghandux ibati spejjez ta' dawn il-proceduri billi huwa kien offra lill-atturi li jirrangalhom kawlunkwe hsarat li jirrizultaw bi htija tieghu pero' l-atturi qatt ma awtorizzawh jghamel dan ix-xoghol;**

**3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri wara li l-atturi jispjegaw fid-dettal il-pretensjonijiet taghhom;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ulterjuri datata l-4 ta' Gunju tas-sena 2002 li permezz taghha eccepixxa s-segwenti:**

**1. L-inkompetenza ta' din il-Qorti ratione valoris;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Rat il-verbal datat is-16 t'Ottubru tas-sena 2002 fejn il-partijiet informaw lill-qorti li kien qed jaqblu li l-kawza tigi differita ghad-decizjoni rigwardanti l-eccezzjoni ulterjuri ipprezentata mill-konvenut;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi ghalhekk il-procedura odjerna f'dan l-istadju qed tigi limitata ghal din il-kwistjoni preliminari;**

**Illi f'dan l-istadju l-fatti rilevanti jirrizultaw is-segwenti:**

**1. Illi l-limitu ta' l-avviz odjern hu dak stabbilit mill-istess atturi f'ammont "…li ma jeccedix" il-hames mitt Lira Maltin, (LM500.00,0);**

**2. Illi dan l-ammont, fil-perjodu li fih giet intavolata din il-procedura kien wiehed li jakkolla fuqu l-kompetenza ta' din il-qorti;**

**Ghaldaqstant din il-qorti tiddikjara li hi kompetenti skond il-ligi biex tipprosegwixxi bil-kawza u konsegwentement tordna l-prosegwiment ta' l-istess, bl-ispejjez provvizorjament ghall-konvenut.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**